MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2010

Rikors Numru. 9/2001/1

**Rikors numru 9/2001**

**Joseph u Emanuela mizzewgin Schembri, Mario Saliba, Francis Saliba, Emanuel Saliba, Doris armla ta' Carmel Sammut, Salvu Saliba, Mary Josephine u Joe mizzewgin Calleja u Carmelo Saliba**

**vs**

**Carmela armla ta' Emanuel Grixti, Joseph Grixti, Gaetano Grixti, Mary Rose D'Anastasi u Alfio Grixti**

Il-Bord

Ra r-rikors promutur:

"Illi huma kienu jikru lil Emanuel Grixti, zewg l-intimata Carmela Grixti u missier l-intimati l-ohra, l-ghalqa maghrufa ta' 'Hal-Millieri', fil-limiti taz-Zurrieq bil-qbiela ta' erba' liri Maltin u hamsin centezmi [Lm4.50] kull sena jithallas bil-quddiem fil-15 t'Awissu;

Illi parti sostanzjali mill-imsemmija ghalqa tqieghed fiha hafna imbarazz u hmieg kif jidher mir-ritratti hawn annessi mmarkati Dok 1, 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9, 10, 11, kif ukoll saret fiha moghdija permanenti wiesgha ta' aktar minn truck sabiex jigi imwassal l-imsemmi mbarazz u hmieg fil-post fejn tqieghed, b'mod li parti sostanzjali tal-istess ghalqa, cioe' fejn hemm l-imbarazz u hmieg u l-moghdija permanenti, ma setghatx tinhadem u dana ghal iktar minn sentejn;

L-intimati minghajr il-kunsens tas-sidien bnew kmamar f'forma ta' Farmhouse jew, kif indikat mill-Periti ta-Qorti "mandra" minghajr il-kunsens tas-sidien minghajr il-permessi tal-Awtorita' tal-Ippjanar;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti qed jitolbu bir-rispett illi dan l-Onorabbli Bord joghgbu jawtorizzahom jiehdu lura l-pussess tal-imsemmija ghalqa u joghgbu wkoll jillikwida kumpens li talvolta ghandu jithallas lill-intimati skond il-Ligi;

Ra wkoll ir-risposta tal-intimati:

In linea preliminari jigi osservat illi r-rikorrenti mkien ma pprecizaw fil-korp tar-rikors taghhom jekk il-fatt minnhom lamentat saretx xi vjolazzjoni da parti tal-esponenti;

Fit-tieni lok il-moghdija li fiha l-esponenti jerfghu l-hekk allegat "imbarazz", ilha li saret mill-bidunett tal-kirja fl-1972 meta l-kerrej originali Emanuel Grixti kien gie koncess jaghmel dwejra fejn fiha kien irabbi l-annimali u l-moghdija kienet isservi ghal dan l-iskop;

Il-parti tar-raba minn dejjem kienet, u hekk baqghat, tigi kkoltivata.

Salv eccezzjonijiet ohra."

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi in linea preliminari l-intimati kienu eccepew illi r-rikorrenti mkien ma pprecizaw fil-korp tar-rikors taghhom jekk bil-fatt minnhom lamentat saretx xi vjolazzjoni da parti tal-intimati. Din l-eccezzjoni qatt ma kienet deciza minn dan il-Bord minkejja li kellha tkun sorvolata fl-inizzju tal-kawza u ghalhekk qed tkun deciza f'dan l-istadju;

Illi din l-eccezzjoni hija frott ta' formalizmu esagerat – haga din mhix desiderata meta si tratta ta' adezzjoni ta' lment biex ikun deciz minn Tribunal. Huwa car illi l-ilment tar-rikorrenti huwa dirett lejn l-uzu illecitu tal-ghalqa de quo stante li minflok li qed tintuza ghall koltivazzjoni tal-ucuh tar-raba qed jintefa fiha imbarazz u ghalhekk mhix qed tintuza bhala raba. Harsa lejn il-Kap 199 facilment juri li r-rikorrenti qed jibbazaw it-talba taghhom skond dak ravvizat fl-artikolu 4(2) (d) u/jew (f). Il-mankanza tar-rikorrenti li jsemmi l-vers tal-ligi li bis-sahha tieghu qed jirrikjama l-art imqabbla certament m'ghandiex topera kontra tieghu f'dawn il-proceduri u ghalhekk il-Bord qed jichad l-eccezzjoni sollevata mill-intimati;

Illi fil-mertu r-rikorrenti ressaq bhala provi affidavit ta' wiehed mir-rikorrenti, Joseph Schembri, li huwa prattikament konferma bil-gurament tar-rikors promutur. Oltre dan, ressaq ukoll bhala xhud, il-perit artikett tieghu li xehed b'aktar mod soggettiv meta qal li minn ricerki li ghamel sa gurnata qabel ma ddepona irrizultalu li l-kamra mibnija mhix koperta bil-permess tal-Awtorita tal-Ippjanar u ghamel stharrig fuq ritratti mill-ajru li jkopru l-perjodu sal-1968. L-intimati qalu li appena inghataw din il-qbiela fl-1972 huma bnew "maqjel" bil-permess tas-sid u missierhom kien irabbi l-majjali izda wara marda li hakmet l-industrija dan irrinunzja ghal dan l-ezercizzju. L-imbarrazz lamentat mir-rikorrenti jikkonsisti f'kaxxi li jintuza ghall-gbir u bejgh tal-prodott minn wiehed mill-ahwa intimati.

Illi fuq il-fatti migjuba quddiem dan il-Bord, ma tirrizulta ebda raguni ghaliex r-rikorrenti ghandu jinghata l-permess

jirriprendi din l-ghalqa. L-imbarazz lamentat, li huwa dubitat kemm verament kollu jappartjeni lil-intimati, huwa biss rokna zghira tal-ghalqa li del resto hija mizmuma tajjeb u tinhadem b'mod regolari. Il-bini jikkonsisti f'mandra jew maqjel sar fl-1972 appena l-intimat ha l-qbiela f'idejh minn terzi u mhux minghand r-rikorrenti. Kif tajjeb hargu l-fatt l-intimati, l-perit ex parte evita li jaghmel referenza ghall-survey sheets tal-1972 izda ried bil-fors isostni li sal-1968 il-bini ma kienx jidher fuq is-survey sheets. Dak li gara wara l-1968 ma jridx jirreferi ghalih l-istess perit u dan ghaliex ma kienx oggettiv fix-xhieda tieghu. Dan il-Bord ma jistax jifhem l-insistenza tal-perit ex parte ghall-nuqqas ta' permess mill-MEPA meta l-awtorita' gia l-Awtorita' tal-Ippjanar kienet imwaqqfa fl-1990. Di piu', l-"Farmhouse" li r-rikorrenti jallega li nbniet minghajr permess jirrizulta li hija biss mandra u xejn kif allegat mir-rikorrenti.

Ghalhekk mill-aspett purament fattwali dan ir-rikors ma jistax jintlaqgha u l-Bord qieghed jichad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------